TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru 35/79

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Is-Sinjorina Cecilia Cassar
u
Is-Sur Alfred Alamango Cook

Chairman : C.J. Mallia.

Data: 2 ta' Frar, 1979.

Dan il-kas huwa dwar ilment li ghamlet is-Sinjorina Cecilia Cassar li hija kienet giet imkeccija ngustament mill-impieg taghha ta' Salesgirl fil-hanut "Favourite", 150, Triq Britannia, Valletta. Dan l-ilment gie riferit lil dan it-Tribunal mill-Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna, Socjali u Kultura fil-15 ta' Novembru, 1978, skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 28 (2) ta' l-Att Nru XXX ta' l-1976.

2. Rapprezentanti. Il-kas instema' f'erba seduti, li fihom instemghu wkoll ix-xhieda li giebu l-appellanti u l-employer. Is-Sinjorina Cassar kienet assistita mis-Sur R.A. Matrenza, D.Pol. Econ. (Oxon.), F.R. Econ. S., Konsulent Industrijali. Is-Sur Alamango Cook kellu l-assistenza tas-Sur A.J. Tabone.

3. Impieg. Il-hanut "Favourite" huwa negozju ta' ilbies u imitation jewellery. In-negozju huwa proprijeta' tas-Sur Alamango Cook, li bid-dar joqghod tas-Sliema, fejn ghandu negozju jew nogozji ohra fejn hu jattendi personalment. Il-hanut tal-Belt huwa generalment f'idejn is-salesgirl biss. Is-Sinjorina Cassar giet impjegata bhala Salesgirl ghal dan il-hanut tal-Belt fis-16 ta' Awwissu, 1977. Ftehim fuq prova (probation) ma kienx hemm, u ghalhekk ghandu jigi assunt li operat il-probation normali ta' tlett xhur li tipprovdi l-ligi (ara l-artikolu 25 ta' l-Att Nru XI ta l-1952).

/.........

4. Tkeccija. Is-Sinjorina Cassar tkecciet fil-25 5a' Jannar, 1978, hames xhur wara li kienet giet impjegata. Ic-certifikat ta' temm ta' impieg, iffirmat mis-Sur A.Alamango Cook, aparti minn zbalji f'indirizzi u f'data, jaghti r-raguni tat-tkeccija bhala "Due to shortages". Din hija raguni xotta, li thalli certi interrogativi mportanti. It-Tribunal jifhem li d-Dipartiment tax-Xoghol sejjah lill-employer u talbu jispjega certi aspetti. Jidher li d-Dipartiment mexa kif kien xieraq.

5. Akkuzi. L-akkuza principali u finali kontra l-impjegata kienet dik li hi kienet risponsabbli ghal nuqqasijiet ta' oggetti, mill-hanut "Favourite", li jiswew £M93.81c. Kien hemm rimarki ohra, bhal dik li hi ma tafx tbieh, u dik li hi ma tafx tmur mal-klijenti.

6. Difiza. Minn-naha ta' Miss Cassar, intqal li hi mill-ewwel kienet qalet lill-employer li xoghol ta' Salesgirl hi qatt ma kienet ghamlithu qabel, u li izda hu kompla jhajjarha billi qalilha li kienet tidra. Dan ma giex michud minn-naha ta' l-employer. Barra minn hekk, ghadda z-zmien tal-probation u l-employer ma uzax id-dritt li kellu li ma jikkonfermax lil Miss Cassar fl-impieg.

7. Nuqqasijiet. Kif ga intqal, dawn ifformaw l-akkuza principali li fuqha l-principal deherlu li hu ghandu jkecci lil din l-impjegata. Il-kelma 'shortages' malajr tqajjem diversi kwistjonijiet, li t-Tribunal kellu jezamina. L-aqwa fost dawn kienu dawn li gejjin:

(a). Stock-taking originali huwa necessarju biex wara wiehed jista jghid x'hemm nieqes. Dan, bhal aspetti ohra ta' dan l-impieg, jidher li sar b'laxkezza li tnehhilu l-valur mehtieg. Ma ngabet ebda prova li l-appellant kkonoxxiet u ffermat dan l-istock-taking.

(b) Min kellu access ghall-hanut huwa fattur iehor importanti ferm. Minn-naha ta' l-employer gie dejjem insistit li s-Salesgirl biss kella c-cavetta tal-hanut "Favourite". Miss Cassar, mill-banda l-ohra, affermat li hi ma kienetx taf jekk hija kienetx l-unika persuna li kella c-cwievet. Quddiem dawn iz-zewg asserzjonijiet konfliggenti, u billi ma harget ebda prova assoluta favur wahda jew l-ohra, it-Tribunal jibqa ihoss ruhu fid-dubbju, u jista jxaqleb biss fejn juruh certi elementi cirkostanzjali ohra.

(c) Azzjoni mal-Pulizija hija normalment mistennija meta wiehed isib nuqqasijiet. L-employer jghid li dan ghamlu, imma billi ma jidher li mexa xejn u ma rrizulta xejn, dan l-aspett huwa pjuttost kontra t-tezi ta' l-employer. Stock-taking li jinghad li sar f'April ta' l-1978, meta Miss Cassar kienet tkecciet fil-Jannar ta' qabel, ma seta kien fih ebda valur ghall-kas prezenti.

(d) "Bniedem barrani" inghad li kien jidhol ikellem lil Miss Cassar. Inghad ukoll li guvni iehor, li qal li hu l-istess wiehed li kien jidhol ikellem lil Miss Cassar, dahal fil-hanut u pprova jaqbad mas-Salesgirl ta' warajha, Miss Carmen Attard. Din xehdet li hi lill-principal qaltlu b'dan, u li hu wiegibha biex ma tatix kas. Dan in-nuqqas ta' azzjoni fuq element li setgha kellu x'jaqsam man-nuqqasijiet ga maghrufa ma jsahhahx il-kas ta' l-employer.

8. Twissijiet. It-Tribunal reggha tenna kemm hu sagru l-impieg, kemm hija kastig estrem it-tkeccija, u kemm, qabel tkeccija, huma mehtiega twissijiet (warnings, aktar minn darba, u dawn bil-miktub jew quddiem xhieda). L-employer wiegeb li, bejn is-27 ta' Dicembru, 1977, u l-24 ta' Jannar, 1978 (lejliet it-tkeccija), huwa kien qal lil Miss Cassar tlett darbiet illi hu kien ser ikollu jkeccih jekk mhux ser tati kont tan-nuqqasijiet misjuba. Ta' dan l-employer ma offra ebda prova, u Miss Cassar cahdet li hu wissiha hekk. Meta t-Tribunal ma jistax hlief jiehu li ma giex pruvat li inghataw twissijiet.

/...........

9. Talbiet ta' l-appellanti. L-appellanti, Miss Cecilia Cassar, permezz tal-konsulent taghha is-Sur R.A. Matrenza, ghamelet dawn it-talbiet lit-Tribunal:

(i) Li jigi dikjarat li t-tkeccija taghha kienet ingusta.
(ii) Li hi terga tidhol fl-istess impieg li kellha fil-hanut "Favourite", bil-paga u bonus shah ghaz-zmien kollu li ila wieqfa mix-xoghol, kif ukoll spejjes ta' medicinali li kella tiehu kawza tat-tkeccija. (Dawn skond s-Sur Matrenza jigu £M900 paga, £M72 bonus, u £M27.59c pilloli).
(iii) Li f'kaz li ma jkunx hemm reinstatement, mal-hlasijiet imsemmija taht (ii) hawn fuq jizdiedu £M250 bhala kumpens ghat-tkeccija.

10. Konkluzjonijiet. In vista ta' dak kollu li intqal fil-qosor hawn fuq, u ta' dak li qalu l-partijiet u x-xhieda, u ta' dak li wrew id-dokumenti esibiti, it-Tribunal isib skond ma gej:

(i) Ir-raguni ghat-tkeccija (nuqqasijiet) ma gietx sostanzjata b'mod sodisfacjenti.
(ii) Ma giex pruvat li inghataw twissijiet kif kien imiss.

Ghalhekk, fil-fehma tat-Tribunal it-tkeccija ta' Miss Cecilia Cassar mis-Sur Alfred Alamango Cook ma kienetx gusta.

11. Artikolu 33 ta' l-Att Nru XXX ta' l-1976. Mela, taht l-artikolu 33 ta' l-Att, it-Tribunal

(a) isib li r-ragunijiet ta' l-ilment f'dan il-kas huma bbazati tajjeb, u
(b) jidhirlu li kieku jkun skond l-ekwita' li min ghamel l-ilment jerga jidhol fl-impieg tieghu.

Imma taht l-istess artikolu tal-ligi t-Tribunal ma jidhirlux li reinstatement ikun prattikabbli.

12. AWARD. F'dawn ic-cirkostanzi, t-Tribunal huwa marbut mis-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 33 ta' l-Att li jordna l-ghoti ta' kumpens dwar it-tkeccija. It-Tribunal ma jhossx li hu invarjabilment ghandu jiehu kont ta' paga mitlufa bejn id-dati tat-tkeccija u ta' l-award. Ghalhekk f'dan il-kas huwa jordna lill-employer, is-Sur Alfred Alamango Cook, li, bhala kumpens ghat-tkeccija, ihallas lis-Sinjorina Cecilia Cassar is-somma ta' £M200 (mitejn lira maltija) in full and final settlement. Dan il-hlas ghandu jasal ghand is-Sinjorina Cassar mhux aktar tard mill-15 ta' Frar, 1979.

(C.J. Mallia)
Chairman

(S. Grech)
Segretarju

fp